10 LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 12**

**20 ta' Novembru 2024**

Il-laqgħa numru 11 saret fil-bini amministrattiv tal-kunsill Lokali nhar it-18 ta' Novembru 2024 fil-17.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur Gianluca Falzon

Is-Sur Silvio Vella

Is-Sur Karl Carabott

Is-Sur Joe Vella

Is-Sur Stephen Sultana

Is-Sa Roberta Sultana

**ASSENTI b'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI:**

Is-Sur Darren Grech

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sa Tiffany Abela Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sur Gianluca Falzon, Sindku ta' Santa Venera mexxa din il-laqgħa.

**1 Qari tal-ittri t'apoloġija u approvazzjoni tal-minuti**

F'din il-laqgħa ma kienx hemm ittri tal-apoloġija.

**2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti 427 u petty cash**

Item 834: Joe saqsa minn iħallas punt 834 u ġie ikkalrifikat li dan iħallsu il-kunsill

Stephen staqsa ala kien immarkat bħala depożitu ta' 50% meta l-item ta' wara ma kienx jaqbel ma dan. Is-Segretarja spjegat li dan għaliex fl-item ta' wara l-ordni kienet żdiedet għalhekk qalet li terminu 50% kien ser jitneħħa u jibqa' biss depositu. Fuq dan kien hemm qbil.

Item 904: Stephen Staqsa fuq item 904 u għala tħallsu l-girlguides. Is-Sindku spjega li dak kien il-ħlas għar-refreshments li għamlu huma minflok qabbadna kumpanija oħra.

Item 906: Stephen staqsa ukoll fuq il-heavy duty manholes u is-Sindku informa li dawk kienu l-manholes ġodda għan-naħa ta' Chateau D'Ax fejn wara ispezzjoni mill-Contracts manager għax l-area kienet qed iżomm ħafna ilma. Dan sab li kien hemm il-culvers u l-manholes mimlija ħmieġ u kien hemm bżonn li jinbidlu l-manholes għax dawn kienu miksijin bis-cement. Inġabru 40 borża ħmieġ.

Għalhekk l-iskeda tal-pagamenti 427 kienet approvata, bil-proponent ikun Silvio Vella. Ħadd ma ried ikun is-sekondant minħabba l-kwistjoni li kien hemm fuq il-pagamenti tal-LESA ftit tax-xhur ilu.

## 3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti

Laqgħa Numru 9:

Triq Dun Karm Mifsud

Laqgħa Numru 10:

L-isem ta' Michael Borg irid jiġi Mark Borg

Laqgħa Numru 11: Ma kienx hemm korrezzjonijiet

**Punti li tqajjmu mill-minuti**

3.1 Għeluq ta' Ġonna – Il-Kunsill irċieva 2 kwotazzjonijiet għal ftuħ u għeluq ta' ġonna. Waħda ta' Euro 300 fix-xahar, u l-oħra ta Euro 55 kull jum. Stephen saqsa hekk l-għaqdiet humiex interessati u sindku spejga li dawn kienu infurmati bħalma kien infurmat il-pubbliku in generali pero hu jifhem li sabiex jidħlu għal impenn bħal dan, ser ikollhom problema minħabba nuqqas ta' voluntiera. Stephen saqsa hekk il-kwotazzjonijiet jinkludux VAT u Sindku spjega li l-ebda kwotazjoni ma kienet tgħati indikazzjoni ta' dan.

Is-Segretarja spjegat li waħda mill-kwotazzjonijiet hi minn ħaddiem tal-kunsill, li hekk ser ikun qed jiġi mgħoddi dan il-kuntratt irid ikollu VAT number, joħroġ invoice u dan il-ħlas ma jkollux x'jaqsam mal-ħlas tax-xogħol tal-kunsill. Peress li dan kien l-irħas, il-Kunsill qabel li hekk il-ħaddiem lest li jġib VAT number u joħroġ invoice, jieħu l-kuntratt hu.

3.2 Bandli tal-Palazz l-aħmar – Is-segretarja spjegat li hi u sindku iltaqgħu mal-kuntrattur u dan lest li jkompli xogħol. L-MCCA kienu qalulna li l-importanti li tibdil, iżomm mal-istandards. Stephen spjega li fil-leġislatura l-oħra kien inżamm ir-*retention money* peress li kien hemm dewmien esaġerat fl-eżekuzzjoni tal-proġett. Is-Segretarja spjegat li peress li kien ser isir modifikazzjoni struttrali fuq il-bandla kien hemm bżonn iċ-ċertifikazzjoni tal-

kumpanija tal-manifattura u għaldaqstant kellna morru għal kumpanija li għamlet ix-xogħol.

3.3 Fuq is-suġġeriment ta' Roberta fuq ir-roundabout, u bollards sabiex ma jkunx hemm sewqan eċċessiv, mar il-*contracts manager* fuq il-post u l-isketch intbagħtet mis-sindku permezz ta' email. Stephen saqsa hekk hemmx approvazzjoni ta' TM u Sindku wieġeb li hekk ikun hemm qbil tintalab approvazzjoni. Roberta saħqet ukoll li avolja hemm it-tabelli sabiex ma jgħaddux żwiemel, dawn xorta qed jgħaddu. Stephen irrimarka li dan hu każ ta' infurzar. Kulħadd qabel ma dan il-punt.

3.4 Korsijiet – Is-segretarja infurmat li wara korrispondenza mas-Sur Cachia, dan informah li kien aċċetta impenji oħra u għaldaqstant ma' setgħax jagħmel il-korsijiet tal-Malti.

3.5 Postcards tal-Milied – is-Sindku informa lil kunsilliera li jixtieq li jbiddel il-postcards ġo fuljett b'listi għal attivitajiet tal-Milied. Kulħadd qabel ma dan is-suġġeriment.

3.6 Party tat-tfal – is-segretarju infurmat li s-sala tal-iscouts tesa' biss 50 persuna, filwaqt li l-*House of Flavours* jesa' 100 persuna u li għada ma għamlitx kuntatt ma St Elias. Il-*House of Flavours* bagħat kwotazzjoni ta' 15Euro kull tifel. Għalhekk kien hemm qbil li jsir kuntatt ma' St Elias.

3.7 Ikla tal-Milied bejn l-istaff u l-kunsilliera – is-Segreatraju preżentat diversi menus li ngabu minn stabbilimenti differenti. L-ikla tal-Milied ser issir nhar 27 ta' Diċembru 2024 fit-20.00 fl-istabbiliment Galea's Triq il-Merkanti l-Belt Valletta.

3.8 Sports Day – Kien issuġġeriet li din issir fis-26 ta' Diċembru u tinġabar donazzjoni għal-istrina.

Hawnhekk Stephen xtaq jgħaddi kumment fuq il-laqgħa numru 10 fuq il-ħaddiem li ser jiġi ingaġġat fuq skala 11. Hu ikkummenta li skala 11 diġà hemm u ser ikun hemm gap kbira bejn l-iskala 11 u skala 15.

3.9 Gieħ u Mertu Santa Venera – Is-Sindku irrimarka li kienet intbagħtet ittra lil minn ma attendiex għaċ-ċerimonja ta' ġieħ u mertu Santa Venera sabiex dan jiġbor ir-rikonoxximent tiegħu. Stephen irrimarka li kien hemm ħafna rikonoxximenti. Silvio qal li rikonoxximenti għandu jkun hemm limitu ta' 10 għax inkella jitilfu l-iskop tagħhom. Stephen qal li hu jipproponi li kull kunsillier jipproponi 2 rikonoxximenti, u 3 sindku sabiex dawn jilħqu l-massimu ta' 15. Is-Sindku qal li hi ftit diffiċli li tillimita r-rikonoxximenti. Hu kompla jgħid li hekk tkun innominat għal mertu jew ġieħ ir-rikonoxximent għandu jaqa' mill-ewwel. Is-Sindku qal li kulħadd qabiżlu l-fatt li l-Għaqda 26 ta' Lulju kellha l-anniversarju u Sindku bagħat ittra ta' apoloġija. Hu qed jissuġġerixxi li jingħataw token. Bħala post jiddeċiedu huma meta u f'liema okkażjoni. Joe issuġġerixxa li dan isir waqt laqgħa tal-kunsill u kulħadd qabel ma dan.

Joe issuġġerixxa ukoll li jibda jinqara profil ta' min ġie innominat għal mertu u ġieħ. Karl semma li dan jista' jkun li ser itawwal ħafna s-serata għalhekk issuġġerixxa li jinqara profil fuq ir-rebbieħ biss. Kulħadd qabel ma' dan.

Joe ikkummenta ukoll li l-emfasi ta' din il-ġurnata qed issir wisq fuq il-festa, imma għandu jingħata aktar lok għal Jum il-Lokalita'. Is-Sindku qal li inzerta li raħal jiċċelebra Jum il-lokalita f'Jum Santa Venera. Silvio issuġġerixxa li għal darb'oħra jkun hemm siġġijiet riservati għal min hu nominat jew għandu xi rikonoxximent. Fuq dan kien hemm qbil.

3.10 Fuq punt 2.2 tal-laqgħa preċedenti Stephen irrimarka li din kienet xirja għal ġid tal-komunita u mhux donazzjoni u fuq il-punt tas-Shield għal klabb tal-boċċi, hu qal li ma tistax tiskredita l-artist, u sinjali li Euro 500, is-Shield kien ser ikun fiha ħafna

xogħol. Roberta qalet li ix-xogħol tal-artist jibqa' wieħed siewi ħafna imma għal l-għan ta' shield, hi taħseb li ma kienx hemm għalfejn jintefqu dawk il-flus.

3.11 Is-Sindku spjega li rċieva mingħand in-nies ta' Triq il-Palazz l-Aħmar fuq il-kwistjoni tal-gass tal-iskola San Mikiel. Joe kjarifika li kull skola jkollha dan it-tip ta' gass minħabba l-laboratorji. Silvio qal li dan suppost qiegħed taħt l-art b'ħajt dobblu. Kien hemm qbil sabiex l-espert tekniku mqabbad mir-residenti għandu jiġi mistoqsi x'inhi l-ispiża.

3.12 Roberta xtaqet li jkun hemm chat komuni bejn il-kunsilliera u l-community police. Is-Sindku qal li jaqbel u saqsa segretarja tagħmel dan.

## 4 Quarterly Financial Report – Q3

Is-Sindku stieden lill-*accountant* is-Sa Lorna Sultana sabiex tispjega dan ir-rapport li kien intbgħat b'email. Is-Sa Sultana spjegat li bħalissa l-budget tal-Kunsill hu bid-deficit imma l-FSI hu ta 27%. Dan minħabba li l-ispiża tal-knis tnaqqset imma għada tirrifletti mill-ewwel 6 xhur tas-sena, it-tibdil tal-bozzoz tad-dawl għadu qed jiġi għoli filwaqt li anke l-ispiża tal-iskart hi waħda sostanzjali. Il-professional fees tal-green pillars hi waħda sostanzjali. Stephen semma li hu jixtieq jifhem kif kien hemm tnaqqis fl-ispiża ta' Kenniesa u xorta għadu jiġi għoli. L-accountant spjegat li dan għaliex Q3 qed jirrifletti fuq is-sena kollha u tnaqqis kien biss minn Ġunju lil hawn.

L-accountant spjegat ukoll il-proċess tad-deferred income u x'qed isir issa fejn bażikament, l-accountant, is-segretarju kif ukoll il-assistent prinċipal qed iduru l-kontijiet bankarji, kellmu lil awdituri, kif ukoll lis-segretarja tal-kunsill reġjonali lvant u DLG sabiex isibu tarf ta' x'setgħu kienu dawn l-iskemi.

## 5 Komunikazzjoni mis-sindku u korrispondenza oħra

**5.1 Email fuq kaxxa safra**: Is-Sindku spjega li l-Kunsill irċieva email fuq aċċess għal drivein/carpark space fi Triq Iz-Zonqor sabiex il-parking ta' quddiemu jiġu kaxxa safra. Silvio

spjega li hekk għandu l-permess tal-planning authority, għandu dritt għal aċċess. Għaldaqstant għanda naraw x'jgħid il-permess tal-PA u nimxu minn hemm.

Is-Sindku spjega li faċċata tal-Capricorn is-Sinjuri Vella xtaqu un/loading bay. Hu kien iltaqa' magħhom peress li dawn xtaqu li tkun kuljum mit-tnejn sal-ħadd 0800 – 17.00. Is-Sindku ma kienx qabel u għalhekk ippropona li dan isir it-Tnejn, il-Ħamis u il-Ġimgħa mit-08.00 sa 13.00. Il-Kunsill qabel ma din id-deċiżjoni.

**5.2** **Speed Camera Assessment:** Is-Sindku informa li wasal ir-rapport ta' Transport Malta fuq Triq il-Kbira San Guzepp. Dan ir-rapport jgħid li TM mhux jaraw ħtieġa ta' speed camera f'din it-triq. Huma qed jissuġġerixxu speed limit ta' 50km per hour. Joe issuġġerixxa li minflok jeħlu tabelli isiru sinjali mal-art biż-żebgħa sabiex ma titkerraħx it-triq. Joe ikkummenta ukoll li l-viżibilità tal-lights qed tnaqqas il-viżibilità, u Roberta issuġġeriet li jitwal ftit il-ħin tal-lights imqar bi 3 sekondi.

Is-Sindku qal li hu jixtieq jiddiskuti aktar ma Transport Malta fuq dan ir-rapport, jaqbel ukoll li sinjali isiru mal-art. Għalhekk ser ikun qed jistieden il-Transport Malta f'laqgħa tal-kunsill. Barra minn hekk ser ikun qed jitkellem mal-contracts manager sabiex jara kif nistgħu naħdmu fuq it-tabelli.

**5.3** Is-Sindku informa li Dar Ħanin Sammaritan xtaqet li ssir un/loading bay għal quddiem l-uffiċji tagħhom minħabba li jkollhom xi deliveries, ambulanzi u hekk. Is-Sindku qal li din għanda tiġi alighting/boarding peress li un/loading bay tkun għal merkanzija. Stephen irrimarka li diġà hemm waħda, imma Joe qal li dik hi reserved parking, u huma jixtiequ li din tkun quddiem il-bieb eżatt. Għalhekk wara approval minn TM titneħħa dik li hemm u issir waħda ġdida. Is-Sindku irrimarka li din issir sakemm isir ftehim fuq il-gass. Joe, Roberta u Silvio qalu li din m'għandix x'taqsam għax mhumiex l-istess entita. Is-Sindku irrimarka li huma l-istess tmexxija.

5.4 Joe qal li f'dik l-akwata hemm Triq mingħajr isem, fejn ma' jgħix ħadd. Sindku qal li kien hemm talba li ssir għal l-ewwel kappillan li kellhom Fleur De Lys, u għal persuna li bena l-housing estate. Joe qed jissuġġerixxi li t'issemma' bħala Triq il-Ħanin Sammaritan. Fuq din kulħadd qabel u sindku qal li ser jiġu infurmati ukoll l-Central Business District.

5.5 Joe qal ukoll li f'dawk l-akwata, hemm bankina mhux kompluta. Is-Sindku qal li hekk titkompla l-bankina ser jintilef parkeġġ. Is-sindku qal li għalissa aħjar ma naqalgħux aktar affarijiet f'dik l-area peress li bħalissa għaddejjin ħafna l-tibdiliet inkluż is-siġar.

5.6 Is-sindku informa li LESA ser jibdew jgħaddu 10% minn ħlas tal-valur tal-kontravenzjoni għal kull kontravenzjoni li titħallas.

5.7 Is-Sindku informa li l-kunsill irċieva email mill-kumpanija Digital Brain fejn dawn jaraw x'qed jiġri fuq il-kameras li twaħħlu u meta jkun hemm xi ħaġa ħażina dawn jgħaddu l-filmat lil kunsill sabiex jagħmlu rapport. Is-Sindku qal li hu jara l-prezz għoli ħafna anke hekk hi sistema tajba. Karl saqsa hekk ngħażlu l-hotspots? Is-sindku wieġeb li kemm il darba dawn il-filmati għaddewhom lil pulizijia jew LESA u ma nkunux nafu x'jiġri minnhom jew ħadd ma jieħu passi għax il-wiċċ ma jkunx qed jintaraf, jew ma jkunux jafuh.

5.8 Joe saqsa għalfejn bejn il-Ħamis u l-Ġimgħa kien hawn il-kenniesa. Is-Sindku informa li l-cleansing bagħatu Kenniesa sabiex inaddfu wara Jum Santa Venera. Huma offrew 5 qabel sabiex indaffu u sibna kollox nadif, u 5 kenniesa wara sabiex inaddfu l-area wara l-attivita.

5.9 Is-Sindku informa li l-kunsill daħal suġġeriment li ssir zebra crossing f'Canon Road ħdejn l-Aġenzija Sapport. Għalhekk intbagħtet email lil TM fejn dawn qalu li kienu diġà ġew fuq il-post u ma sabux post fejn issir iż-żebra crossing. Għaldaqstant, is-Sindku qal li ser jitkellem fuq din ma contracts manager.

5.10 Is-Sindku informa li l-kunsill irċieva email sabiex jitwaħħlu tabelli f'U-bars. Għalhekk għanda nżommu mal-byelaw li hemm.

5.11 Is-Sindku informa li rċieva risposta mingħand is-Street Naming Committee li skond dan il-kumitat is-suġġeriment tal-Kunsill li jżid il-kliem *Taħt l-akwedott* ma' kienx ser isolvi l-problema ta' numri doppji. Għalhekk is-sindku qed jipproponi meeting magħhom sabiex niddiskutu aħjar. Kulħadd qabel ma dan is-suġġeriment.

5.12 Is-Sindku qal li l-kunsill irċieva ilment li l-gutters fi triq il-kanun qed jgħamlu ħafna storbju. Dawn il-gutters saru minn Infrastructure Malta, u għandhom bżonn xi apparat speċifiku sabiex jinfetħu u jitranġaw. Għalhekk ser tintbagħat email lil Infrastructure Malta

5.13 Stephen xtaq jitkellem fuq 2 affarijiet. Kien hemm approvazzjoni min TM sabiex jitneħħa parkeġġ minn Triq Brighella għaliex residenti li jogħoqodu faċċata ma setgħux jimmanuvra il-karozzi tagħhom sabiex jidħlu fil-garaxx. Ser jintbagħat il-contracts manager sabiex jara. Stephen semma li fil-kunsill preċedenti kien hemm talba li jsir Monument tal-Bronż mis-Sur Borġ missier il-vittma. Il-Kunsill kien qabel li jsir il-monument, imma dan għandu jsir tal-fibre mhux tal-bronż. Joe issuġġerixxa li jsir ftehim mad-dipartiment tal-edukazzjoni ħabba l-ispiża. Il-Kunsill qabel li jsir tal-fibre u hekk iridu tal-bronze jidħol għal ispiża hu.

**5.14** Joe saqsa fuq il-flus li l-ministru tas-saħħa semma fil-budget għal 2025 fejn hemm ivvutati 4 miljuni fuq saħħa mentali għal kooperazzjoni mal-kunsill. Ser ikun qed jiġi ikkuntatjat id-dipartiment.

**5.15** Is-Sindku spjega li din is-sena irridu bilfors ikollna tabib sabiex jagħti l-vaċċin lil-anzjani. Ir-rata kienet ta' Euro 40 għal tabib on site imma jista' nwasslu l-anzjani bit-trasport maqlugħ apposta. Stephen issuġġerixxa li ngħamlu 3 sigħat għal jumejn f'weekend u li mhux ħa jiġu daqshekk għolja u iktar konvenjenti għar-residenti. Dan ser isir l-aġenzija żgħażagħ. Fuq dan kien hemm qbil.

**5.16** Silvio xtaq jistaqsi għal xi fanali fi Triq il-Kbira San Ġużepp hekk hux ser isiru. Is-sindku spjega li l-kunsill kien applika għal skema sabiex isiru dawn il-fanali. Saqsu ukoll hekk kienx inħaseb għal connections tagħhom. Stephen qal li meta saret it-triq lm kienu infurmati u suppost hemm fi naħa l-ġdida. Is-Sindku spjega li wara li nieħdu l-fanali, irridu nitkellmu mal-kuntrattur.

## 6 Bandli Triq il-Parroċċa

Is-Sindku qal li Karl xtaq jitkellem fuq l-istat tal-Bandli ta' Triq il-Parroċċa. Karl spjega li avviċinawh xi residenzi fejn kien qed ikun hemm kelb ġol-bandli fejn kien qed iħammeġ kullimkien. Dal-post spiċċa post fejn ma jistgħux iħallu tfal u post maħmuġ. Hu ppreżenta ittra mir-residenti fuq dan l-argument. Is-sindku qal li din l-area hi fil-manifesti tal-żewġt partiti u li din l-area għanda tiġi riġenerata. Pero ser ikunu qed jitwaħħlu tabelli ġodda. Il-fanali ġew tranġati f'Novembru wara li kien hemm xort ġo bozza minnhom peress li imtliet bl-ilma. Dan ser ikun qed jiġi mgħoddi lil community police għal intervent tagħhom.

Karl Tlabt li wara li nsolvu l-problema jinħaseb

## 7 Triq Dun Alfred Gatt

IS-Sindku qali li kien daħallu ilment u hu xtaq jiddiskutiha kunsill imma qabel xtaq jara x'jaħsbu residenti sabiex inkun jista' jiddiskuti kollox f'daqqa. Kienet intbagħtet ittra lir-residenti kollha u mhux vera li bħalma ntqal lil xi wħud biss. Kien hemm minn ma rċivijiex peress li blokka minnhom iħallu l-bieb miftuħ u bir-riħ taru. Dan ġie ikkonfermat minn xi residenti stess. Karl saqsa kemm kien hemm nies li ma rċivewiex, u sindku wieġeb li sa fejn jaf hu huma 2. Dawn l-ittri reġgħu intbagħatu u inataw ġimgħa ċans sabiex jgħaddu l-kummenti tagħhom. Dan ir-resident jixtieq li jgħamel double yellow lines. Il-Kumplament tar-residenti ma jridux dan iseħħ. Irċivejna ħafna messaġġi u anke whatsapp u irċivejna ukoll email mingħand resident li tagħmel ħafna sens sabiex isiru l-bollards. Stephen qal li dawn ma jistgħux isiru. Karl issuġġerixxa li nitkellmu ma Transport Malta sabiex ikollna idea ċara ta' x'jistgħu jsiru. Karl qal li kif inhi it-triq servizzi ta' emerġenza ma jistgħux jgħaddu.

~~Sindku~~ Karl. ippropona li ssir laqgħa pubblika sabiex jitkellmu residenti. Kulħadd qabel ma dan.

## 8 Skema finanzjarja Karnival 2025

Is-Sindku informa li d-Diviżjoni tal-gvern lokali ħareġ bi skema għal attività tal-Karnival 2025. Dawn l-attivitajiet iridu jsiru fi żmien il-karnival u ma jistgħux isiru wara. Is-somma hi ta' massimu Euro 5000 inkluża l-VAT. Joe issuġġerixxa li jsiru xi kompetizzjonijiet u party ta' tfal.

## 9 Skema finanzjarja Reġjun Milied 2024

Is-sindku qal li Reġjun ħareġ skema fejn qed jgħati massimu ta' 2000K inkluż il-VAT sabiex isir dawl jew disinn relatat mal-Milied. Is-Sindku qed jipproponi li isiru speakers fi Triq il-Kbira San Ġużepp sabiex jallegraw din l-area frekwentata minn ħafna. Kulħadd qabel ma dan is-suġġeriment.

## 10 Attivita Milied 2024

L-attivita tal-Milied ser issir nhar it-13, 14, u 15 ta' Diċembru u ser ikunu qed jinfetħu it-tliett ġonna inkluż dak ta' Casa Leoni. Ser ikun hemm ukoll attivita li ser tkun għaddeja fil-ġonna ta' Casa Leoni. Din l-attivita' qed issir bil-kollaborazzjoni tal-Ministeru tal-Artijiet. Kien hemm suġġeriment mill-ministeru li dħul li jifdal mill-istalls jingħata għal Community Chest fund. Fuq dan kien hemm qbil. Joe qal ukoll li kien hemm suġġeriment li tinxtel is-siġra l-kbira ta Triq Kapillan Mifsud. U fuq dan kulħadd qabel ukoll. Is-sindku qal ukoll li fl-1 ta' Diċembru ser ikun hemm quddiesa fil-parroċċa u wara jinxtgħal id-dawl tal-Milied.

## 11 Ilmenti

| | |
|---|---|
| 253 | Niċċekjaw minn għamel l-ilment |
| 254 | Tkellimna fuqu qabel |
| 255 | Qatt ma kien hemm sleeping police f'dan il-post |
| 256 | Isir meeting magħhom |
| 257 | Problema ta' Santa Venera kollha |
| 258 | ix-xogħol qed jitkompla imma hemm ħafna xogħol xi jsir |
| | |

Joe saqsa kienx hemm xi żvilupp fuq Triq San Ġorġ u l-akwati. Is-Sindku spjega li irid jiddiskuti l-way forward mal-contracts manager u l-perit.

Il-laqgħa ġiet fi tmiema fis-20.10hrs  u laqgħa li jmiss ser issir fid-9 ta' Diċembru fil-1700 fil-binja tal-Kunsill lokali f'Santa Venera.

Iffirmat

Gianluca Falzon

Sindku

Iffirmat

Tiffany Abela

Segretarju Eżekuttiv